MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 270/1993/1

**Richard Cachia Caruana**

**vs**

**Onor. Dr. Alfred Sant**

**Il-Qorti,**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar, 2000 f'kawza ta' libell. L-attur kien hassu malafamat bil-kontenut ta' stqarrija ghall-istampa mahruga mill-konvenut fil-25 ta' Frar, 1993 li kienet tkompli fuq u tikkonferma dak li kien intqal il-gurnata ta' qabel mill-konvenut waqt programm imxandar

fuq it-televizjoni lokali. Ic-citazzjoni, li ggib id-data tal-5 ta' Marzu, 1993, tghid hekk:
"Peress illi fi stqarrija ghall-istampa mahruga mill-konvenut fil-25 ta' Frar 1993 (Dok A) li taghmel riferenza ghal dak li qal l-istess konvenut waqt xandira li xxandret fl-24 ta' Frar 1993 minn fuq it-televizjoni lokali waqt programm "Dahrek mal-Hajt" (Dok B), - liema stqarrija tkompli fuq u tikkonferma dak li ntqal fl-imsemmija xandira, gew allegati fatti determinati fil-konfront tal-istanti li huma malafamanti u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-istanti;

U peress illi l-attur bhala l-parti offiza u malafamata ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Art 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Jghid il-konvenut ghaliex:-

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi d-dikjarazzjoni stampata suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku aktar u aktar meta tigi abbinata mad-diskors tal-konvenut imxandar minn fuq it-televizjoni lokali lejliet il-publikazzjoni; u

2. M'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix elfejn lira (Lm2000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunti [**<u>recte</u>:** ingunt] ghas-subizzjoni".

2. Il-konvenut, permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet tieghu tat-12 ta' April, 1993, wiegeb hekk:
"1. Illi l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa mhux applikabbli fil-konfront ta' l-eccepjent billi huwa la 'ippublika' u anqas 'xandar' 'stampat' fit-termini ta' l-istess att.

2. Illi l-isqarrija indikata m'hijiex libelluza fil-konfront tal-attur.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit il-kitba in kwistjoni tikkonsisti principalment f'espressjoni ta' opinjoni fuq fatti li huma materja ta' interess pubbliku. Huwa certament ammissibbli f'socjeta` demokratika li jsiru domandi dwar il-korrettezza fl-amministrazzjoni pubblika, derivanti mill-fatt li persuna inghatat kariga importanti bi ksur tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni li jitkellmu dwar hatriet fic-civil u lill-istess persuna ghandha sehem f'kumpanija li inghatat kuntratti minn korpi governattivi jew kontrollati mill-gvern.

4. Illi ghal kull buon fini, l-eccepjent jitlob l-isfilz mill-atti tad-dokumenti 'A' u 'B' minhabba li dawn ma humiex provi skond il-ligi.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

3. Din il-Qorti sejra tirriproduci il-parti relevanti tad-decizzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li permezz taghha laqghet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut:
"Minn nota ta' osservazzjoni li pprezenta l-konvenut jirrizulta li hu mhux qed jinsisti fuq l-ewwel, u r-raba' eccezzjoni tieghu, imma bazikament qed isostni li l-istqarrija indikata ma hiex libelluza fil-konfront ta' l-attur.

Inoltre jigi rilevat li l-attur qed jikkontesta principalment l-istqarrija Dok A ghalkemm fl-ewwel talba fic-citazzjoni rrefera wkoll ghad-diskors tal-konvenut fix-xandira fuq it-televizjoni, izda dina biss bhala sfond.

Fil-kaz in ezami ghalhekk il-konvenut irid jipprova li l-fatti li semma fl-istqarrija huma vera jew sostanzjalment vera, u jekk jirrizulta li huma hekk, imbaghad il-kummenti li ghamel jistghu jitqiesu bhala "*fair comment*".

Kif gie msemmi l-attur qed joggezzjona ghal zewg punti li dehru fl-istqarrija; wahda li mhux veru li hu ghandu sehem ewlieni fil-kumpanija Sterling imma ghandu biss anqas

minn 5%.  Fit-tieni lok li mhux veru li Sterling kienet tiehu regolarment kuntratti minghand il-Gvern.

Dwar dan il-konvenut xehed hekk:

B’*share* ewlieni nifhem sehem li bih tkun tista’, minkejja li jkollok *share* li jidher zghir, ikollok influwenza fuq l-operat tal-kumpanija, u tista’ tiddetermina l-futur taghha.  Trid thares lejn il-profil tal-persuna li tkun u trid thares imbaghad lejn is-*shareholding* li ghandu.

Dwar id-diskors li Sterling kienu jinghataw kuntratti regolarment mill-Gvern, il-konvenut xehed li “regolarment” hija incidenza ta’ kuntratti li jinghataw illi ma jkunux spjegabbili biss fuq il-profil kompetittiv tal-kumpanija imma jkunu spjegabbili wkoll fuq il-profil ta’ certi *shareholders*. Inoltre ghalkemm il-kuntratti kienu johorgu regolarment bit-*tender* mid-Direttur tal-Kuntratti, imma, per ezempju fil-kaz ta’ *tender* ta’ Kalaxlokk kien hemm kwistjoni ta’ *specification* ta’ vannijiet li giet imfassla f’termini ta’ kuntratt li kumpanija wahda biss (Sterling) setghet toffri ghalihom.

Tikkunsidra

Ghalkemm huwa veru li “ewlieni” fis-sens litterali kif jidher fl-isqarrija tirreferi ghan-numru ta’ *shares* li l-attur ghandu fil-kumpanija izda dan ma jeskludix l-interpretazzjoni u sinifikat li taha l-konvenut, fis-sens li jista’ jkun hemm *shares*, li ghalkemm fin-numru ma jkunux daqs l-ohrajn izda fil-qawwa u l-kwalita` u fil-profil taghhom (ez. bhala *strategic partner*), jistghu jkollhom influwenza fuq l-operat tal-kumpanija.  Ghalhekk l-interpretazzjoni u l-ispjegazzjoni li ta l-konvenut tal-kelma “sehem ewlieni” (“ewlieni” tfisser “*first in order of position, time, rank or merit; primary*”  Dizzjunarju tal-Profs. G. Aquilina) fil-kuntest tad-diskors tieghu (dwar il-posizzjoni esekuttiva ta’ l-attur qrib il-P.M.), u c-cirkostanzi partikolari li taw lok ghal dik il-kritika, m’ghandhiex tigi eskluza.  Il-konvenut ghandu dritt ghall-interpretazzjoni tieghu daqs kemm ghandu l-attur.  Qarrej ordinarju jista’ jaghti dawn il-kliem is-sinifikat li tahom il-konvenut.

Dwar il-kwistjoni l-ohra jekk Sterling kienux qed jinghataw regolarment kuntratti mill-Gvern jew Korpi parastatali, il-Qorti tikkunsidra li l-konvenut qed jirreferi ghall-frekwenza fl-ghoti tal-kuntratti lil Sterling li, mill-provi rrizulta, kienu tlieta.  Irrizulta li dawn kienu sostanzjali ez. il-kuntratt tal-Kalaxlokk kien ta' xi Lm130,000 ghall-perijodu ta' sentejn u iehor ta' xi Lm87,000; u regolari, fis-sens li kienu jiehdu kuntratti b'certa frekwenza komparati ma' l-ohrajn (ara lista a fol. 51).  Kien hemm hafna li hadu anqas minn Sterling.  Wiehed imbaghad irid jara wkoll kemm kien il-valur ta' dawn il-kuntratti.

F'dan is-sens ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-fatti, kif jirrizultaw, u kif spjegati mill-konvenut, huma sostanzjalment veri.  L-attur jasal biex isejhilhom nofs veritajiet.  Ghall-Qorti l-fatti kif irrizultaw huma sostanzjalment veri, ghalkemm mhux ezatti ghal kollox fid-dettal.  Fuq dawn il-fatti imbaghad wiehed ma jehodhiex bi kbira li l-kumment li ghamel il-konvenut jkun fiha *slant* biex jiehu vantagg politiku.

Ma giex pruvat li l-konvenut ecceda l-limiti tal-*fair comment* u li l-mod kif pogga l-kritika tieghu kien ispirat unikament minn malizja.  Dan ma jfissirx li l-attur ma hassux urtat bil-kumment izda mhux kull kumment li jirreka dannu jew inkonvenjent lill-persuna pubblika li lejha jkun dirett, bilfors ikun libelluz.  Kif inhu maghruf min jokkupa kariga pubblika bhal ta' l-attur jassumi certi pizijiet fil-konfront tal-opinjoni pubblika u jkun suggett ghall-kritika basta li jinzamm bilanc bejn id-dritt ghar-reputazzjoni tal-politiku u d-dritt ta' l-espressjoni u l-kritika.

Il-Qorti tikkonkludi li r-rimarki li ghamel il-konvenut, fuq fatti li gew sostanzjalment pruvati, ma jaqbzux il-limiti ta' kumment u kritika li huma ammissibbli f'socjeta` demokratika fuq persuna pubblika, tenut kont tal-latitudini ta' interpretazzjoni possibli li tista' tinghatha lill-fatt rilevanti.

DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' t-tieni u tielet eccezzjoni tal-konvenut tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur".

4. Huwa opportun ghall-kjarezza tal-fatti li tigi riprodotta *in toto* l-istqarrija li hija l-bazi ta' l-ilment ta' l-attur appellant. Din l-istqarrija, li hija intestata "Stqarrija tal-Kap ta' l-Opposizzjoni u Mexxej Laburista Dr. Alfred Sant", tghid hekk:

**Il-bierah waqt il-programm televiziv "Darek mal-Hajt" ghamilt referenza ghal ufficjal li jokkupa l-kariga ta' segretarju privat tal-Prim Ministru u li ghandu sehem ewlieni f'kumpanija li tikri l-karozzi, liema kumpanija tinghata regolarment kuntratti ghall-kiri ta' karozzi ghal ministeri u dipartimenti tal-gvern. Din il-konnessjoni tqajjem kwistjonijiet serji ta' korrettezza fl-amministrazzjoni pubblika. Fil-programm tal-bierah ma semmewx ismijiet.**

**Ninsab infurmat li teknikament, il-kariga li tokkupa l-persuna indikata minni hi dik ta' assistant personali tal-Prim Ministru u mhux ta' segretarju privat. Ir-referenza li ghamilt il-bierah kienet ghas-Sur Richard Cachia Caruana, li ghandu ishma fil-kumpanija tal-kiri tal-karozzi Sterling Car Hire. Il-kariga tas-Sur Cachia Caruana fl-ufficcju tal-Prim Ministru saret bi ksur tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni li jitkellmu dwar hatriet fic-civil.**

**Bl-ebda mod fil-programm "Darek mal-Hajt" ma saret referenza personali jew le ghas-Sur Alfred Chetcuti, segretarju privat tal-Prim Ministru li hu membru regolari tac-civil. Qieghed nibghat ittra personali tas-Sur Chetcuti biex nispjega l-malintiz.**

5. L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, illi l-ewwel Qorti iddecidiet hazin meta rriteniet li dak li hemm fl-istqarrija inkriminata huwa bbazat fuq fatti li huma <u>sostanzjalment</u> veri. L-appellant jghid testwalment (fir-

rikors ta' appell tieghu): *"L-attur oggezzjoni ghall-parti ta' l-istqarrija illi fi sfond ta' korruzzjoni (li semma' l-konvenut fix-xandira televiziva) tghid illi l-attur ghandu sehem* ***ewlieni*** *(fix-xandira 'share qawwi') f'kumpanija li* ***tinghata regolarment kuntratti ghall-kiri ta' karozzi ghal ministeri u dipartimenti tal-Gvern,*** *allegazzjonijiet li jfissru u jimplikaw illi l-attur abbuza mill-posizzjoni pubblika tieghu biex jiehu vantagg finanzjarju personali. Dawn huma allegazzjonijiet ta' fatt li jew huma veri jew ma humiex veri. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet li dawn l-allegazzjonijiet ta' fatt huma* <u>*kummenti*</u>*, u li dawn il-kummenti huma legittimi billi "the expression of opinion was based upon true facts". L-esponenti jissottometti illi din il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti hija skorretta ghal diversi ragunijiet u principalment li dawn ma humiex kummenti izda allegazzjonijiet ta' fatt, u f'kull kaz, ma jistghu qatt ikunu kummenti legittimi billi ma humiex ibbazati "upon true facts"*.

6. Tajjeb hawnhekk li din il-Qorti taghmel zewg precisazzjonijiet. L-ewwel nett, kif jidher car mill-ewwel talba ta' l-attur kif riportata aktar 'l fuq f'dan il-gudikat kif ukoll mill-aggravju ta' l-appell kif migjub, l-attur appellant kien proprjament qed jilmenta mill-kontenut ta' l-istqarrija ghall-istampa, u mhux ukoll min dak li seta' qal il-konvenut waqt ix-xandira televiziva, ghalkemm saret referenza ghax-xandira bhala sfond li, skond l-attur, jaghti aktar risalt ghall-allegata malafama kontenuta fl-istqarrija. Fit-tieni lok, l-appellant jidher li qed jikkonfondi zewg affarijiet u cioe` il-fatti u l-kumment dwar dawk il-fatti. L-appellant jghid, jew donnu jimplika, li kienet l-Ewwel Qorti li hawdithom; din il-Qorti ma taqbilx. L-Ewwel Qorti ddistingwit b'mod car bejn iz-zewg affarijiet meta rriteniet li: *"Fil-kaz in ezami ghalhekk il-konvenut irid jipprova li l-fatti li semma fl-istqarrija huma vera jew sostanzjalment vera, u jekk jirrizulta li huma hekk, imbghad il-kummenti li ghamel jistghu jitqiesu bhala* "fair comment"*".*

7. Il-qofol tal-kwistjoni hija, ghalhekk, jekk il-fatti allegati humiex veri jew sostanzjalment veri. Jinghad li huwa bizzejjed li jigu pruvati li huma "sostanzjalment" veri, ghax mhux mehtieg li kull dettal jigi ppruvat li hu veru – kemm-il

darba dak id-dettal ma jkunx fih innifsu u manifestament diffamatorju – izda huwa bizzejjed li jigu ppruvati li huma veri fatti (li jista' jkun anke fatt wiehed) bizzejjed li a bazi taghhom il-kumment ikun gustifikat. Din tidher li hi l-posizzjoni wkoll fl-Ingilterra (ghall-anqas wara id-*Defamation Act, 1952*). Kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander**[1]

**…the facts stated in the libel must be truly stated, or if some are not proved to be true, then the defendant must show that "the expression of opinion is fair comment having regard to such of the facts alleged or referred to in the words complianed of as are proved".[2]**

**The court is only concerned with the comment in the statement complained of: if that is fair in relation to such of the facts on which it is based as are proved, the defence of fair comment is made out, and it is in principle irrelevant whether the facts which are proved true are a substantial part of the facts relied on, or whether the facts relied on are substantially true.[3]**

S'intendi, jekk parti jew partijiet sostanzjali mill-fatti jkunu mhux veri, dawn is-"substantial inaccuracies" jistghu f'certi cirkostanzi jittiehdu bhala "evidence of malice". Kif qal Lord Porter fil-kawza ***Kemsley v. Foot***[4]

**Twenty facts might be given in the particulars and only one justified, yet if that one fact were sufficient to support the comment so as to make it fair, a failure to prove the other ninteen would not of necessity defeat the defandant's plea. The protection of the plaintiff would…be…the effect which an allegation of a number of facts which cannot be substantiated would have upon the minds of a jury who would be unlikely to believe that the comment was made upon**

---

1 8th. ed., Sweet & Maxwell, 1981.
2 *Op. cit.* para. 696, pagna 293.
3 *Op. cit.* para. 714, pagna 303.
4 [1952] A.C. 358.

**the one fact or was honestly founded upon it and accordingly would find it unfair.**

8. Fil-kaz in dizamina, tnejn kienu "il-fatti" principali allegati mill-konvenut: (i) li l-attur kellu "sehem ewlieni f'kumpanija li tikri l-karozzi" u (ii) li din il-kumpanija "tinghata regolarment kuntratti ghall-kiri ta' karozzi ghal ministeri u dipartimenti tal-gvern". Il-kumment, imbghad, jikkonsisti fil-kliem "Din il-konnessjoni tqajjem kwistjonijiet serji ta' korrettezza fl-amministrazzjoni pubblika".

9. Wara li din il-Qorti fliet il-provi, hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Onorabbli Qorti dwar il-korrettezza, "sostanzjali" tal-fatti allegati. Huwa veru li b'"sehem ewlieni" f'kumpanija wiehed normalment jifhem jew li persuna ghandha "majority shareholding" (jew altrimenti sehem bizzejjed li b'xi mod tista' tiddetta l-policy jew l-attivita` tal-kumpanija) jew li b'xi mod jew iehor tikkontrolla l-kumpanija (billi, per ezempju, tkun direttur). Mill-provi jirrisulta li l-attur kellu <u>biss</u> sehem ta' 5.2% fil-kumpanija Sterling Car Rentals Limited (ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, fol. 225 tal-process). Jirrisulta wkoll li hu qatt ma kien direttur ta' din il-kumpanija (ara d-deposizzjoni ta' Charles Demicoli, fol. 40), u ma jirrisultax li huwa kien b'xi mod iehor jinfluwenza x-xoghol ta' din il-kumpnaija (inkluz jekk il-kumpanija tittenderjax o meno ghal certi kuntratti). Pero` l-punt kollu dwar l-istqarrija li dawrha qed jilmenta l-attur appellant huwa jekk hux korrett (anke jekk biss mill-punto di vista etiku) li persuna li tkun qrib hafna tal-poter Ezekuttiv – f'dan il-kaz fil-vesti ta' assistent personali ta' prim ministru) ikollha sehem f'kumpanija li tikkompeti ghal, u tiehu, kuntratti tal-Gvern. L-istess jista' jinghad ghat-tieni fatt: kif jirrisulta mid-deposizzjoni ta' Joseph Spiteri (fol. 62 *et seq.* u specjalment fol. 65) minn Mejju tal-1987 sad-data ta' l-istqarrija inkriminata, il-kumpanija li fiha kellu sehem l-appellant kienet hadet tlett kuntratti (kollha ta' valur sostanzjali), u li bhala numru ta' kuntratti dan kien daqs il-medja li kienu hadu kumpaniji ohra (ara l-lista a fol. 51). F'dan is-sens kienet "regolarment" tiehu kuntratti tal-Gvern – ghax mahruga mit-Tezor – biex tissuplixxi vetturi.

Huwa veru li wiehed biss minn dawn it-tlett kuntratti jirreferi ghal ministeru jew dipartiment tal-Gvern (dak tas-26 ta’ Novembru, 1991 ghall-Works Division fil-Ministeru ta’ l-Ambjent) mentri t-tnejn l-ohra kienu ghall-progett ta’ Kalaxlokk li kien qed jigi gestit minn korp parastatali; pero`, fil-kuntest ta’ l-istqarrija mehuda kollha kemm hi, dan hu semplici dettal li ma jnaqqas xejn mill-korrettezza sostanzjali tal-fatti, kif tajjeb irrilevat l-ewwel Qorti.

10. Din il-Qorti taghmilha cara li b’dana kollu, mhix qed tghid, wisq anqas timplika, li kien hemm xi irregolarita` fil-ghoti ta’ dawn il-kuntratti jew xi nuqqas, da parti ta’ l-attur, anke jekk biss ta’ natura deontologika. Anzi l-provi f’din il-kawza pjuttost juru li, ghall-anqas ghal dak li kien it-*tendering process*, ma kien hemm xejn irregolari. Dak li qed tghid din il-Qorti hu biss li, fid-dawl tal-provi kollha, ma jistax jinghad li l-istqarrija mahruga mill-appellat kienet libelluza fil-konfront ta’ l-attur ghax il-kumment kien jammonta ghal “fair comment”. Kien kumment legittimu li fil-fehma ta’ din il-Qorti ma kienx joltrepassa, tenut kont tal-fatti li ghalih kien jirreferi, dak li hu legittimu fil-kamp ta’ materja politika u fl-ambitu ta’ socjeta` demokratika[5].

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom ikunu sopportati mill-attur appellant.

Deputat Registratur
df

[5] Ara, f’dan is-sens, diversi *obiter dicta* fis-sentenzi ta’ din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawzi fl-ismijiet ***Anglu Fenech noe. et v. Carmelo Callus et.*** 4/2/1994, ***L-Onorevoli Lorry Sant v. Victor Camilleri et*** 14/2/1994, ***David Agius v. L-Onor. Dr. Alfred Sant et*** 22/11/1995.